**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1340/2001/1**

**Thomas Dimech**

**vs**

**Joseph u Caroline Debono**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm800.00 (tmien mitt lira Maltin) rapprezentanti self 'brevi manu' moghti lilhom mill-istess, li huma obbligaw ruhhom li jhallsu lura sal-15 ta' Mejju, 2001, izda naqsu dan oltre l-interessi ta' tmienja fil-mija (8%) fuq l-istess ammont mid-19 ta' Mejju,2001 sad-data tal-pagament effettiv a tenur minn skrittura privata bejn il-partijiet tas-16 ta' Marzu, 2001.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tad-29 ta' Mejju, 2001 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi l-avviz odjern huwa tempestiv u dana stante illi l-konvenuti qatt ma gew interpellati ghall-hlas tal-ammont pretiz qabel id-data tal-presentata ta' l-avviz tat-talba.

2. Il-konvenuta Caroline Debono ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana stante illi hija qatt ma isselfet flus minghand l-attur u wisq anqas iffirmat skritturi privati.

3. Illi l-iskrittura tas-16 ta' Marzu 2001 hija nulla u dana stante illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizjat u dana kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

4. Illi l-ammont pretiz mhux dovut u dana stante illi l-konvenut qatt ma issellef flus minghand l-attur.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-somma dovuta lill-attur mill-konvenut Joseph Debono hija ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) liema flus kienu gew mghoddija lill-konvenut sabiex

jigi konkjus negozju li ma sehhx u mhux gew mislufa lilu mill-attur kif jallega l-attur u dana kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema l-partijiet.

Ikkonsidra.

Illi l-konvenut eccepixxa l-inkompetenza 'rationae materiae' ta' dan it-Tribunal fir-risposta tieghu. Ghalkemm fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2002, l-istess konvenut kien gie moghti l-fakolta li jipprezenta d-debita proceduri. Huwa naqas li jaghmel dan (vide verbal tas-17 ta' Gunju, 2002).

Fic-cirkostanzi u fuq skorta tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet 'Blye Engineering Ltd vs Theresa Attard' it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm800 (tmien mitt lira Maltin) bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-lum sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**